16 ta' Ottubru 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Libell tas-Saċerdot Don Giuseppe Gonzi, B.L.Can., D.D.

*versus*

Luigi Camilleri et.

**Benefizzju ta' Guspatronat Lajkali — Ittri Testimonjali — Tonsura — "Motu Proprio" tal-Papa Piju VI tal-25 ta' Gunju 1777.**

*Bil-"Motu Proprio" tal-Papa Piju VI tal-25 ta' Gunju 1777, saret deroga għal-Liġi Kanonika, għal Malta u Għawdex, fis-sens illi l-ittri testimonjali jirrendu lil min mhux tonsurat kapaċi li jikkonkorri għall-konsegwiment ta' benefizzju bħal li kieku kien tonsurat; u dan anki meta jikkonkorri ma' kjeriċi.*

*fl-assenza ta' kondizzjoni essenzjali espressament speċifikata "sine qua non" fl-att tal-fondazzjoni, dak il-"Motu Proprio" jolqot ukoll il-benefiċi li jkunu mħollijin testwalment għall-kjeriċi; b'mod li anki f'dawn il-każi, min ma jkunx tonsurat, iżda jkollu l-ittri testimonjali, jista' jikkonkorri għall-benefiċċju, salvo li jieħu t-tonsura wara.*

Is-Saċerdot Don Giuseppe Gonzi fil-libell tiegħu qal li bil-mewt tas-Saċerdot Gio Carlo Muscat fil-21 ta' Jannar 1942 ivvaka l-benefizzju ta' ġuspatronat lajkali msejjaħ "Ta' Għar il-Gobon", fondat minn Pietro Farrugia fl-atti Gio Paolo Ellul tat-12 ta' Lulju 1648 — benefizzju illi għandu jiġi konsegwit minn kjeriku fost il-konsangwinei tiegħu, bi preferenza a favur tad-dixxendenti ta' Brandano jew ta' Grazia mart Pietro Mifsud, it-tnejn ħutu (dok. A); li kif jidher mill-arblu ġenealoġiku anness mal-libell, debitament ġustifikat (dok. B sal-K), l-esponenti jinsab vokat passivament għall-konsegwiment tal-benefizzju fuq imsemmi, billi jiddixxendi minn Grazia, oħt il-fundatur, u oħt Pietro Mifsud fid-disa' grad, u konsangwineu tal-fundatur fil-ħdax-il grad skond il-komputazzjoni ċivili tal-gradi; li inoltri huwa għandu wkoll a favur tiegħu l-vokazzjoni attiva, billi ġiet lilu konferita n-nomina mill-patrun ta' l-imsemmi benefizzju (dok. L); li l-esponenti ottjena ġà minn għand l-Ordinarju s-soliti ittri testimonjali biex jista' jottjeni l-istituzzjoni kanonika fil-benefizzju (dok. M. N); li għall-konsegwiment ta' l-istess benefizzju għamlu wkoll domanda l-konvenuti, però l-esponent għandu drittijiet poziori, sija għaliex jinsab l-eqreb fid-demm mal-fundatur, u sija għaliex huwa l-akbar fl-età u iżjed anzian fl-ordni sagru, mentri li ma jippossjedix ħlief patrimonju sagru biss li mhux suffiċjenti għas-sostentament tiegħu; li huwa interpella uffiċjalment u inutilment lill-konvenuti biex jirtiraw l-oppożizzjoni tagħhom. b'ittra uffiċjali tal-15 ta' Novembru 1943 (dok. C); u talab li dina l-Qorti tiddikjara li huwa preferibili għal-konvenuti fl-istituzzjoni tal-benefizzju "Ta' Għar il-Gobon". Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Fl-att tal-fondazzjoni, magħmul fit-12 ta' Lulju 1648 għand in-Nutar Gio Paolo Ellul, il-fundatur Pietro Farrug' ħalla l-ġid tiegħu u ordna li wara l-mewt ta' ħuh Branda

"bona praedicta omnia et singula convertantur et converti debeant in beneficium ecclesiasticum sive in titulum semplicis *legati pii, uno clerico* saeculari ex ipsius testatoris consanguineis proximioribus, praelatis tamen clericis descendentibus dicti Brandani............... etc." Peress illi *f'dik* il-fondazzjoni l-benefizzju ġie mħolli "pro clericis saecularibus", u Emmanuele Borg ikkonkorra mingħajr ma kien kjeriku, għax ma kienx tonsurat, il-konkorrent Gonzi jippretendi li dak Emmanuele Borg ma għandux l-idoneità li trid il-fondazzjoni biex ikun *jista' jikkonkorri* għall-benefizzju in kwistjoni, għalkemm kien munit regolarment bl-ittri testimonjali;

Fi żmien dik il-fondazzjoni kienet regola tad-Dritt Kanoniku li ħadd ma jista' jikkonkorri għal benefizzju jekk ma jkunx "clericus"; u *biex* wieħed seta' *jkun kunsidrat bħala* "clericus" kien jeħtieġ li jkollu għall-anqas l-ewwel tonsura. U rabiiħaqq, in-natura stess tal-benefizzju ekkleżjastiku tirrikjedi fil-possessur tal-benefizzju l-kwalità klerikali. Għalhekk, meta l-fundatur iddispona li l-benefizzju kien "pro clericis saecularibus", huwa ma għamelx ħaġa oħra ħlief ikkonformaruħu mad-Dritt Kanoniku ta' żmienu, billi ħalla l-benefizzju lil min skond *id-Dritt seta' jikkonsegwih, jiġifieri lill*-persuna li tkun kjeriku, u għalhekk uża d-desinjazzjoni ta' "clericus". B'daqshekk il-fundatur ma żied ebda kondizzjoni ma' dawk komuni li kienu imposti mil-Liġi Kanonika; anzi, li kieku ma użax dawk il-kliem, l-effett tal-fundazzjoni kien ikun xorta waħda, għax kienet tissupplixxi l-liġi kanonika. Minn ebda parti tal-fundazzjoni ma jidher li l-fundatur *ried jagħmel distinzjoni bejn kjeriku u lajk, biex jillimita d-destinazzjoni tal-benefizzju tal-kjeriċi u jeskludi l-lajċi*; għax dak iż-żmien il-kjeriċi biss setgħu jieħdu l-benefizzju, u għalhekk lok ta' distinzjoni ma jidherx li kien hemm. Immela l-mod kif il-fundatur iddesinja l-benefizzjarji ma jimplikax l-impożizzjoni ta' kondizzjoni essenzjali u "sine qua non" għalbiex wieħed ikun jista' jikkonkorri u jieħu l-benefizzju, iżda sempliċi konformazzjoni mal-liġi kanonika ta' dak iż-żmien;

Iżda b'Motu Proprju tal-25 ta' Ġunju 1777, il-Papa Piju VI idderoga għal-liġi kanonika għal Malta u Għawdex, billi ordna li *"chiunque crederà di avere un diritto al beneficio* o alia cappellania, a tempo debito si presenti all'Ordinario,

il quale, se lo troverà idoneo riguardo al sapere, ai buoni costumi, e libero da ogni canonico impedimento, con tali requisiti gli dà le lettere testimoniali sulla idoneità. capacità di ricevere la prima tonsura; ed in vigore di queste lettere, mostrando aver diritto, anche in concorrenza di chierici, possa fare anche esso la causa davanti al giudice ecclesiastico, come se fosse già stato iniziato della prima tonsura". B'dan il-Motu Proprju l-ittri testimonjali jirrendu lil min mhux tonsurat kapaċi li jikkonkorri għall-benefizzju, bħal li kieku kien tonsurat; u dana anki meta jikkonkorri ma' kjeriċi. U peress li fih ebda riżerva ma saret għall-każ ta' benefizzji mħollija "expressis verbis" għall-kjeriċi, minħabba t-termini ġenerali tiegħu, fl-assenza ta' kondizzjoni essenzjali espressa speċifikatament "sine qua non" fl-att tal-fondazzjoni, dak il-Motu Proprju jolqot ukoll lill-benefizzji li kienu mħollija testwalment għal kjeriċi; b'mod li anki f'dak il-każ, min ma jkunx tonsurat, iżda jkollu l-ittri testimonjali, jista' jikkonkorri għall-benefizzju, salvo li jieħu t-tonsura wara;

Id-Digriet tar-Riordinament tal-Fondazzjonijiet Patronali tal-Gżejjer ta' Malta u Għawdex, promulgat mill-Arċisqof Caruana fit-8 ta' Ottubru 1919, ma neħħiex dika l-abilitazzjoni ta' min ma jkunx kjeriku iżda li jkollu l-ittri testimonjali; iżda stabbilixxa normi dixxiplinari taħt pieni ta' dekadenza, u dderoga għall-Motu Proprju anki f'punti inkonċiljabili mad-Digriet stess. Il-kanone 1463 ġie riaffermat; iżda dana l-kanone jitkellem fuq l-idoneità; u l-idoneità attestata mill-ittri testimonjali, in vista tal-Motu Proprju li ssemma, teżisti anki fil-konkorrent Emmanuele Borg, li "habitu" għandu l-kwalifiki ta' kjeriku;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' s-sentenza billi tiddikjara li l-konkorrent Emmanuele Borg għandu l-idoneità neċessarja biex jikkonkorri għall-benefizzju "Ta' Għar il-Gobon" in kwistjoni; salva l-kwistjoni tal-pregradwazzjoni, li l-Qorti tirriżerva li tiddeċidi fi stadju ulterjuri tal-kawża;

L-ispejjeż ta' l-inċident ibatihom il-konkorrent Saċerdot Giuseppe Gonzi;

Il-Qorti tirriżerva li tipproċedi ulterjorment bil-kawża wara li jgħaddi t-terminu għall-appell minn dis-sentenza, u fil-każ ta' appell, wara li jiġi definit l-appell.